MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 205/1998/2

**Simone mart Carmelo Micallef u Francis Agius.**

**vs**

**L & D Attard Company Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta’ Jannar 1998 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma ahwa u huma wlied Carmel Agius u Gaetana Attard li zzewgu fl-24 ta’ Lulju 1966 (Dok “A”, “B” u “C”).

Illi permezz ta’ kuntratt li gie ppubblikat fis-6 ta’ Ottubru 1980 min-Nutar Dottor Philip Saliba (Dok “D”), missier l-atturi Carmelo Agius xtara l-mezzanin sovrapost fuq numru f’*Racecourse Street*, Marsa kif soggett ghar-rata ta’ cens annwu u perpetwu ta’ erba’ liri (Lm4) – aktar ‘l isfel referit bhala l-fond.

Illi fis-6 ta’ Ottubru 1980 meta missierhom xtara l-fond kif inghad kienet ghadha vigenti l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejnu u omm l-atturi, liema komunjoni giet terminata bil-mewt ta’ l-istess ommhom fit-8 ta’ Jannar 1985 (Dok “E”).

Illi ommhom mietet bla testment u ghalhekk l-atturi (li huma l-unici wlied) wirtu n-nofs indiviz taghha tal-fond.

Illi l-atturi dejjem ghexu fil-fond minn mindu gie akkwistat minn missierhom fl-1980 u ghadhom jghixu fih sallum.

Illi l-atturi ghadhom kemm saru jafu li wara l-bejgh bis-subbasta fl-ismijiet Sebastian Vella *versus* Carmelo Agius, li sar fit-28 ta’ Lulju 1989 il-fond gie liberat favur is-socjeta` konvenuta li da parti taghha permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta’ Ottubru 1997 (Dok “F”) fil-kawza fl-ismijiet **“Lawrence Attard et *nomine* versus Carmelo Agius”** ottjeniet l-izgumbrament mill-fond ta’ Carmelo Agius.

Illi s-socjeta` konvenut qieghda wkoll tipprova tizgumbra l-atturi mill-fond.

Illi s-socjeta` konvenuta ma tistax taghmel hekk ghaliex l-atturi huma ko-proprjetarji tal-fond, u qatt ma saret l-ebda procedura kontra taghhom u ma kienux parti fil-kawza li giet deciza fis-17 ta’ Ottubru 1997 kif fuq inghad.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandux minn din il-Qorti:-

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-atturi huma proprjetarji ta’ nofs indiviz tal-fond bla numru li jgib l-isem *1st October* u li jinsab f’*Racecourse Street*, Marsa; u

2. Jigi dikjarat u deciz illi s-socjeta` attrici m'ghandhiex dritt tizgombra lill-atturi mill-istess fond a bazi tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta' Ottubru 1997 fil-kawza **"Lawrence Attard et *nomine* vs. Carmelo Agius".**

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 ta' Jannar 1998 kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti u mmarkati minn Dok "A" sa Dok "F" kif jidhru minn fol. 6 sa fol. 12 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tas-17 ta' Marzu 1999.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 25 ta' Novembru 1998 a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi fl-ewwel lok il-procedura uzata mill-atturi ma hiex idoneja billi qieghda tattakka l-validita` ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li hija t-titolu eskuttiv li abbazi tieghu saru l-proceduri ghall-bejgh in subbasta billi taghmel kawza *ad hoc* meta kellha tipprezenta t-talba taghha abbazi ta' l-artikoli tar-ritrattazzjoni.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju l-atturi ma jistghux jattakkaw il-validita` u l-effetti tal-proceduri in subbasta billi dawn ma pprocedewx fiz-zmien preskritt mill-ligi l-ewwel wara li dawn gew stampati fil-Gazzetta tal-Gvern it-tieni wara li sar l-bejgh u liberazzjoni u t-tielet wara li giet iskritta n-nota fl-atti tar-Registru Pubbliku.

3. Illi fit-tielet lok minghajr pregudizzju ghas-suespost l-imsemmi Carmelo Agius li ghandu jkun parti mill-kawza kien awtorizzat li jidhol fil-kuntratti li dahal u li ghalhekk

kien qed jagixxi f'drittijietu meta ssellef dak li ssellef u konsegwentement il-proceduri li segwew kienu u ghadhom validi fil-ligi.

4. B'riserva ta' eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 18 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo tas-17 ta' Marzu 1999 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza hija kontestata u giet differita biex tinstema' mill-Onorabbli Mhallef Frank G. Camilleri ghad-29 ta' Novembru 1999 ghall-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tad-29 ta' Novembru 1999 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Pierre Lofaro. Is-socjeta` konvenuta u d-difensur taghha Dr. Noel Camilleri ssejhu tliet darbiet baqghu ma dehrux. Dr. Lofaro talab il-korrezzjoni billi l-kliem "is-socjeta` attrici" kull fejn jirrikorru fil-korp tac-citazzjoni u fid-dikjarazzjoni ta' l-atturi jigu kancellata u sostitwiti bil-kliem "is-socjeta` konvenuta". Il-Qorti, wara li rat l-**artikolu 175 tal-Kapitolu 12**, laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjoni kif mitluba, u ordnat in-notifika tal-korrezzjoni kif korretta lis-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Mejju 2000 ghan-notifika tas-socjeta` konvenuta bic-citazzjoni kif korretta; u tal-10 ta' Mejju 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-11 ta' Ottubru 2000; tat-30 ta' Novembru 2000 fejn deher Dr. Pierre Lofaro. Inghata digriet ta' l-affidavits ta' l-atturi ta' erbghin (40) jum. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghall-21 ta' Frar 2001.

Rat in-nota ta' l-atturi datata 16 ta' Frar 2001 a fol. 27A tal-process li permezz taghha pprezentaw tliet affidavits; ta' Simone Micallef, ta' Francis Agius u ta' Carmelo Agius,

b'dan izda li l-affidavit ta' l-istess Carmelo Agius gie sfilzat b'digriet moghti fil-11 ta' Jannar 2007 minn din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-21 ta' Frar 2001 fejn deher Dr. Pierre Lofaro ghall-atturi li ddikjara li m'ghandux provi aktar. Dehret ukoll Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici ghas-socjeta` konvenuta. Inghata digriet ta' l-affidavits tas-socjeta` konvenuta ta' erbghin (40) jum. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta ghat-2 ta' Mejju 2001.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 16 ta' Marzu 2001 a fol. 42 tal-process li permezz taghha rriservat il-kontro-ezami tax-xhieda ta' Simone Micallef, Francis Agius u Carmelo Agius *ai termini* tal-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-2 ta' Mejju 2001; u tad-19 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-prezentata ta' l-affidvits konvenuti ghall-hamsin (50) jum; u tal-31 ta' Ottubru 2001 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet li talbu li jigu allegati l-atti tas-subbasta tal-bejgh tal-fond in kwistjoni, ndikati fic-citazzjoni attrici. Il-Qorti laqghet it-talba. Dr. Pierre Lofaro ddikjara li m'ghandux provi aktar x'jaghmel. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenuti ghad-9 ta' Jannar 2002 bl-intiza cara li wara dakinhar il-kawza tmur ghas-sentenza; tad-9 ta' Jannar 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ghas-socjeta` konvenuta. Il-Qorti giet infurmata li l-atti tas-subasta fl-ismijiet "Sebastian Vella vs Carmelo Agius" li saret fit-28 ta' Lulju 1989 ma giex allegat ghax ma nstabx fl-arkivju tal-Qorti. Il-Qorti ordnat komunika lid-Direttur Generali u ordnat li tali subbasta tigi allegata. Deher ukoll Dr. Pierre Lofaro. Il-Qorti nnotat li l-verbal tal-31 ta' Otturbu 2001 ghandu jaqra li "Dr. Pierre Lofaro" ddikjara li m'ghandux aktar provi x'jaghmel b'dan ghalhekk li l-kliem "Dr. Mifsud Bonnici" ghandhom jigu sostitwiti b' "Dr. Pierre Lofaro." Dr. Carmelo Mifsud Bonnici talab differiment *stante* li bi zvista ma harrikx xhieda. Dr. Pierre Lofaro ma opponiex. Il-kawza giet

differita ghall-ahhar darba ghall-iskop indikat u provi kollha tas-socjeta` konvenuta ghas-17 ta' April 2002; u tas-17 ta' April 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-iskop tal-verbal precedenti ghall-11 ta' Gunju 2002 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna anke peress li ma saritx l-alleggazzjoni tal-atti tas-subbasta ndikati fil-verbal tas-seduta tas-17 ta' April 2002.

Rat li saru in-notifiki kollha ordnati fil-verbal tas-seduta tas-17 ta' April 2002 kif jirrizulta minn fol. 53 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-11 ta' Gunju 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Vincent Attard (fol. 66) li xehed bil-gurament u pprezenta kopja ta' l-atti tas-Subbasta mmarkata Dok "VA" minn fol. 55 sa fol. 64 tal-process u dan rigwardanti l-bejgh in subasta tal-fond 1st October, Triq it-Tigrija, Marsa, li sar fit-28 ta' Lulju 1989. Deher ukoll Dr. Pierre Lofaro ghall-atturi u dehret ukoll l-attrici. Ghas-socjeta` konvenuta ma deher hadd. Il-kawza giet differita ghall-4 ta' Dicembru 2002 ghall-konkluzjoni tal-provi u trattazzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-4 ta' Dicembru 2002 fejn deher Simon Micallef assistit minn Dr. Pierre Lofaro u Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ghas-socjeta' konvenuta u fejn l-istess Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ipprometta li ghas-seduta li jmiss iharrek lil Vincent Attard ghall-provi konvenut u l-kawza giet differita ghall-31 ta' Jannar 2003 fil-11.00.a.m. kollox kif jidher a fol. 68 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-31 ta' Jannar 2003 fejn dehret Dr. Christine Bondin ghas-socjeta' konvenuta u talbet differiment u l-kawza giet differita ghat-13 ta' Marzu 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-13 ta’ Marzu 2003 fejn deher Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ghas-socjeta’ konvenuta u pprometta li ghas-seduta li jmiss jingungi lil Vincent Attard u l-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghas-6 ta’ Mejju 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-6 ta’ Mejju 2003 fejn deher Dr. Pierre Lofaro ghall-atturi u l-kawza *“giet differita ghall-ahhar darba ghal konkluzjoni tal-provi, l-Qorti tiddikjara li nghalqu l-provi tal-konvenut”*. Sussegwentement deher Dr. Noel Cuschieri li assuma l-patroncinju tas-socjeta’ konvenuta u l-kawza giet differita ghall-10 ta’ Gunju 2003 fl-10.00.a.m.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-10 ta’ Gunju 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghall-atturi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2003 kollox kif jidher a fol. 72 tal-process.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datat 23 ta’ Gunju 2003 (fol. 74) fejn talbet li din il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u hija tinghata d-dritt li taghlaq il-provi taghha. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti bi zmien ghaxart ijiem (10) ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-kontro-parti ghar-rikors prezentat fit-23 ta’ Gunju 2003 mis-socjeta` konvenuta (fol.77), u wara li rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-6 ta’ Mejju 2003, il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Noel Cuschieri, cahdet it-talba bid-digriet taghha moghti fil-31 ta’ Lulju 2003 kollox kif jidher a fol. 76 tal-process.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datat 23 ta’ Settembru 2003 (fol. 78) fejn l-istess socjeta’ talbet lill-Qorti tirrevoka d-digriet precedenti taghha u tilqa’ t-talba ghas-sospensjojni tal-prolazzjoni tas-sentenza u tinghata d-dritt li taghlaq il-provi taghha minhabba r-ragunijiet hemm

indikati u senjatament minhabba li Dr. Carmelo Mifsud Bonnici ma setghax izjed jippatroncinja lis-socjeta' konvenuta u Dr. Noel Camilleri kien ghadu qed jiehu konjizzjoni tal-process. Il-Qorti ordnat in-notifka lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta b'digriet moghti fil-25 ta' Settembru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-31 ta' Ottubru 2003 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghall-atturi u Dr. Noel Camilleri ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Pierre Lofaro rrimetta ruhu ghat-talba tas-socjeta` konvenuta maghmula fir-rikors taghha tat-23 ta' Settembru 2003. Dr. Noel Camilleri rrileva li fadallu x'jipproduci lid-Direttur tas-socjeta` konvenuta u kontro-ezami ta' l-atturi. Il-Qorti laqghet it-talba u ddiferixxiet il-kawza ghat-12 ta' Jannar 2004.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 8 ta' Jannar 2004 (fol. 83) li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' Disma Attard datat 8 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-12 ta' Jannar 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghall-atturi u dehret l-attrici. Deher ukoll Dr. Noel Camilleri ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Pierre Lofaro rriserva d-dritt ghall-kontro-ezami ta' Disma Attard. Xehed Paul Gambina rappresentant tal-Bank of Valletta plc prodott mis-socjeta` konvenuta (fol.87 sa 89). Il-kawza giet differita ghall-20 ta' Frar 2004 ghall-kontro-ezami tas-socjeta` konvenuta; u tal-20 ta' Frar 2004 fejn Dr. Christine Bondin talbet differiment ghas-socjeta' konvenuta; tas-6 ta' April 2004 fejn gie ndikat li dehru d-difensuri tal-partijiet u fuq talba tas-socjeta' konvenuta l-kawza giet differita; tas-26 ta' Mejju 2004 fejn il-kawza giet differita wara li l-Qorti rat id-direttiva tal-Kamra ta' l-Avukati b'rispett ghall-mewt tal-kompjant Dr. Michael Grech; u tat-8 ta' Lulju 2004 fejn dehru l-atturi assisti minn Dr. Pierre Lofaro u Dr. Noel Camilleri ghas-socjeta` konvenuta u rapprezentant ta' l-istess socjeta`.

Xehdet bil-gurament Simone Micallef prodotta in-kontro-ezami. Hawn l-Qorti nnominat lill- Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi sabiex izzomm seduta wahda ghas-smiegh tax-xhud Francis Agius. Il-kawza giet differita ghat-2 ta' Novembru 2004 ghal dan l-iskop; u tat-2 ta' Novembru 2004 fejn il-Qorti ordnat li wara s-seduta tal-15 ta' Novembru 2004 l-Assistenta Gudizzjarja tirritorna l-inkartament u l-kawza giet differita ghat-18 ta' Jannar 2005.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi tad-29 ta' Settembru 2004 fejn ma sar xejn ghax ix-xhud Francis Agius ma attendiex ghas-seduta; ta' l-1 ta' Novembru 2004 is-seduta giet kancellata; u tal-15 ta' Novembru 2004 fejn xehed Francis Agius in kontro-ezami; tat-12 ta' Jannar 2005 ma sar xejn.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-18 ta' Jannar 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi; tat-8 ta' Marzu 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Camilleri ghas-socjeta` konvenuta li ddikjara li fadallu jaghmel kontro-ezami ta' l-affidavit ta' missier l-atturi li sostna li f'dak il-mument jinsab Bangkok u f'kaz li jonqos jixhed jigu kkunsidrata l-procedura tar-rogatorji. Il-Qorti ordnat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi sabiex tiffissa seduta wahda ghal dan l-iskop. Il-kawza giet differita ghas-27 ta' Mejju 2005 ghall-konkluzjoni tal-gbir tal-provi; tas-27 ta' Mejju 2005; u tal-14 ta' Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-gbir tal-provi.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum presjeduta u l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2006 u tal-14 ta' Marzu 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Camilleri ghas-socjeta` konvenuta li ddikjara li kull ma baqaghlu hu biss il-kontro-ezami ta' l-attur u ma jafx l-indirizz tieghu. Il-Qorti ordnat lill-atturi jindikaw lis-socjeta` konvenuta fi zmien ghaxart ijiem (10) permezz ta' nota u *occorrendo* meta l-attur ser jigi Malta, jekk ser jigi Malta u f'dan il-kuntest din il-Qorti tiehu l-provedimenti kollha opportuni. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni u fi kwalunkwe kaz biex il-

partijiet jirregolaw ruhhom ghas-16 ta' Mejju 2006; tas-16 ta' Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Noel Camilleri ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Pierre Lofaro ghall-atturi u l-atturi ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Camilleri ddikjara li ma rcieva l-ebda nota minghand l-atturi jew id-difensur tieghu u lanqas meta l-attur ser ikun Malta. F'dan l-istadju Dr. Pierre Lofaro gie msejjah diversi drabi ohra baqa' ma deherx. Dr. Camilleri talab l-isfilz tax-xhieda ta' l-attur, *stante* li Francis Agius ma jistax isir il-kontro-ezami tieghu. Il-Qorti ordnat li dan il-verbal jigi notifikat lil Dr. Pierre Lofaro li jkollu erbat ijiem (4) ghar-risposta b'dan li fil-mori l-Qorti taghti provediment ghall-istess. Il-Qorti tat zmien ghoxrin (20) jum lis-socjeta` konvenuta sabiex tesebixxi d-dokumenti kollha li ghandha nteress li tipprezenta, b'kopja lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-25 ta' Ottubru 2006; tal-25 ta' Ottubru 2006; u tal-11 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Pierre Lofaro ghall-atturi. Is-socjeta` konvenuta u Dr. Pawlu Lia ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Pierre Lofaro ddikjara li ma joggezzjonax ghall-isfilz ta' Carmelo Agius, u b'hekk il-Qorti ordnat l-isfilz ta' l-istess. Is-socjeta` konvenuta u Dr. Pawlu Lia ssejhu diversi drabi ohra baqghu ma dehrux, u ghalhekk *in vista* tal-verbal u d-digriet precedenti, il-Qorti ddikjarat il-provi tas-socjeta` konvenuta maghluqa. Dr. Pierre Lofaro talab li l-kawza tibqa' ghas-sentenza. Dr. Pawlu Lia, ghas-socjeta` konvenuta dahal f'dan l-istadju u talab li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lis-socjeta` konvenuta biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota tas-socjeta` konvenuta ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota ta' l-atturi jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lis-socjeta` konvenuta. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2007; u l-ordni ta' din il-Qorti fejn il-kawza thalliet ghall-istess skop ghat-3 ta' Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi mill-provi prodotti f'din il-kawza jirrizulta li missier l-atturi Carmelo Agius kien izzewweg lill-Gaetana Attard fl-24 ta' Lulju 1966 (Dok. "C") u minn dan iz-zwieg twieldu l-atturi Simone (Dok. "A") u Francis (Dok. "B") rispettivament fis-26 ta' Gunju 1976 u 13 ta' Novembru 1973.

Illi missier l-atturi Carmel Agius kien xtara l-fond "1st October, Triq it-Tigrija, Marsa permezz ta' kuntratt pubbliku datat 6 ta' Ottubru 1980 (Dok. "D") u dan meta huwa kien mizzewweg lill-Gaetana Attard u fil-fatt jirrizulta li din mietet biss fit-8 ta' Jannar 1985. Illi l-eredi ta' l-istess Gaetana Attard kienu uliedha u dan permezz ta' successjoni *ab intestato,* peress li ma kien sar ebda testment u b'hekk l-istess proprjeta' tal-fond *de quo* kien giet b'tali mewt ta' omm l-atturi tappartjeni nofs lill-missierhom u nofs lill-atturi, proprju bhala eredi ta' ommhom. Ir-Ricerki testamentari jikkonfermaw dak li l-atturi ppremettew fic-citazzjoni attrici ghal dik li hija devoluzzjoni b'kawza ta' successjoni ta' l-istess porzjoni ndiviza ta' proprjeta' favur taghhom bhala eredi ta' ommhom. Ma hemm ebda dubju li l-istess fond kien jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-genituri taghhom sal-mument tal-mewt ta' ommhom.

Illi jidher li dan il-fond fuq talba ta' certu Sebastian Vella kontra missier l-atturi Carmelo Agius gie migjub biex jinbiegh bil-procedura tas-subasta, u dan peress li jidher li l-istess Carmelo Agius kien ikkostitwixxa ruhu bhala debitur ta' l-istess fl-ammont indikat fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Carmelo Mangion datat 19 ta' Jannar 1988, u minhabba inadmempjenza ta' l-istess debitur, l-istess ammont bilancjali dovut gie res esekuttiv permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Jannar 1989,u permezz ta' rikors ta' Sebastian Vella datat 30 ta' Marzu 1989 ipprezentat mill-

Avukat Dr. Philip Sciberras (llum l-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras) gie mitlub il-bejgh in subasta tal-fond mertu tal-kawza odjerna fl-atti tas-subasta fl-ismijiet “Sebastian Vella vs Carmelo Agius” u dan kif jidher proprju mill-istess rikors a fol. 61 tal-process.

Illi b’rikors iehor sussegwenti (a fol. 60 tal-process) fl-atti tas-Subasta Numru 29/98 fl-ismijiet “Sebastian Vella vs Carmelo Agius” l-istess Sebastian Vella talab li l-Qorti tiffissa l-jum, il-hin u l-lok ghall-bejgh in subasta ta’ l-istess fond u jidher li fl-istess att gew indikat biss l-ismijiet u l-indirizzi ta’ l-istess Sebastian Vella u Carmelo Agius. B’digriet moghti mill-Onorevoli Mhallef Joseph A. Filletti datat 6 ta’ Lulju 1989 (fol. 59) giet iffisata d-data tat-28 ta’ Lulju 1989 fid-9.00.a.m. sabiex isir l-istess bejgh in subasta, u wara li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern fl-14 ta’ Lulju 1989 u fejn jidher li gie notifikat biss l-istess Carmelo Agius fil-21 ta Lulju 1989 bil-posta ta’ registrazzjoni numru B 2175 (fol. 58), jidher li sar il-bejgh in subasta proprju fit-28 ta’ Lulju 1989 u fejn il-fond jidher li gie liberat favur is-socjeta’ attrici ghall-offerta ta’ Lm4,500 (fol. 57) u dan jinsab ikkonfermat bin-nota datata 28 ta’ Lulju 1998 li jinghad li *“giet ricevuta fid-19 ta’ Ottubru 1989”* kollox kif jidher minn fol. 56 tal-process.

Illi huwa rilevanti li fl-istess nota jinghad li *“dan il-fond kien jappartjeni lil Carmelo Agius, fil-kummerc, bin il-mejjet Wistin u Carmela nee’ Portelli, imwieled Hal Qormi u joqghod il-Marsa”,* meta fil-fatt l-istess fond kien jappartjeni kwantu ghan-nofs lill-istess Carmelo Agius, izda kwantu ghan-nofs indiviz lill-atturi, bhala eredi tal-mejta ommhom Gaetana Agius, li mietet fit-8 ta’ Jannar 1985 (Dok. “E”).

Illi jidher li s-socjeta’ attrici ghamlet kawza kontra l-istess Carmelo Agius ghall-izgumbrament tieghu mill-istess fond konsegwenti ghal-liberazzjoni ta’ l-istess fond favur taghha fl-atti tas-subasta fuq indikati u dan peress li gie allegat li l-istess konvenut Carmelo Agius ma kellu b’hekk ebda titolu fuq l-istess fond, u peress li l-istess konvenut baqa’ kontumaci, it-talba jew talbiet attrici gew milqugha u l-istess konvenut gie ordnat jizgombra mill-fond sa xahrejn

wara li l-istess sentenza tkun saret *res giudicata* u dan b’sentenza fl-ismijiet **“Lawrence Attard u Disma Attard ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta’ L & D Attard Company Limited”** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Giannino Caruana Demajo (Citaz. Numru 186/95 datata 17 ta’ Ottubru 1997).

Illi dan kollu jikkoferma li kontra l-atturi odjerni ma saru l-ebda proceduri ta’ xejn u ghalhekk certament li s-sentenza citata ghal dak li jirrigwarda l-atturi hija *“res inter alios acta”* u dan ghaliex ma saritx kontra taghhom, u dan huwa sinfikanti peress li mill-provi prodotti huma certament li huma ko-proprjetarji ta’ l-istess fond. Dan huwa bizzejjed sabiex it-talbiet attrici jigu milqugha kif fil-fatt ghandu u qed isir b’din id-decizjoni.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, din ma tistax tigi milqugha u dan peress li f’dawn l-atti ma hijiex qed tigi attakkata l-validita’ tas-sentenza fuq citata, izda li qed jigi mitlub huwa li tali sentenza kontra Carmelo Agius ma taghmilx stat fil-konfront ta’ l-atturi, li ma kienux fil-fatt partijiet fl-istess sentenza tas-17 ta’ Ottubru 1979 u ghalhekk ghalihom l-istess decizjoni hija *inter alios acta* wkoll a bazi ta’ l-**artikolu 237 tal-Kap 12** li jipprovdi li:-

*“Is-sentenza ma tista’ qatt tkun ta’ hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta’ l-awturi jew tar-rappresentanti legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b’dik is-sentenza”.*

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghall-applikazzjoni ta’ dan il-principju fil-kawza fl-ismijiet **“Il-Kontrollur tad-Dwana vs Philip Agius & Sons Limted et”** (P.A. (PS) – 12 ta’ Jannar 2005). Dan huwa proprju dak li gie ritenut fis-sentenza **“Anthony Bartolo nomine vs John Mary Vassallo nomine et”** (P.A. (TM) – 3 ta’ Ottunbru 2003 fejn inghad li *“ovvjament sentenza taghmel stat u torbot biss fil-konfront ta’ dawk li jkunu parti fiha, u ma taghmilx stat fil-konfront ta’ persuni li ma jkunux parti fiha”.*

Illi l-istess jinghad fis-sentenza **"John u MaryAnne Buhagiar vs Registratur tal-Qorti et"** (P.A. (NC) – 4 ta' Gunju 2004) fejn gie affermat:-

*"Illi mill-provi u minn ezami ta' l-atti relattivi jirrizulta manifest li l-atturi* ***ma kienux parti*** *la fil-proceduri quddiem il-Bord tal-Kera fil-kawza fl-ismijiet "Josephine Mangion pro et noe vs Mary Louise Camilleri et", la fis-sentenza fl-istess ismijiet li nghatat fid-19 ta' Jannar 1993 u lanqas fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament (nru29/93) fl-istess ismijiet. Ghaldaqstant it-tezi tal-atturi li s-sentenza ma tistax tifforma stat fil-konfront taghhom issib gustifikazzjoni fil-ligi..........".*

*"Il-bazi legali ta' din il-konkluzjoni tinstab fl-Artikolu 237 tal-Kap 12 li jiddisponi testwalment: "Is-sentenza ma tista' qatt tkun ta' hsara ghal min, la huwa nnifsu u lanqas bil-mezz ta' l-awturi jew tar-rappresentanti legittimu tieghu, ma jkunx parti fil-kawza maqtugha b'dik is-sentenza"* regola fondamentali li tirrifletti l-massima antika: *res inter alios acta vel judicata aliis nec nocere nec prodesse potest".* Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar it-tieni eccezzjoni jinghad li l-istess atturi f'din il-kawza ma humiex qed jattakkaw *ut sic* l-atti tas-subasta; atti tas-subasta li saru fil-konfront biss ta' Carmelo Agius, u li fihom l-atturi ma kienu bl-ebda mod involuti, minkejja l-fatt li huma certament li kienu ko-proprjetarji tal-fond imsemmi – din il-Qorti qed tiddeciedi biss fuq it-talbiet indikati fic-citazzjoni u l-istess talbiet abbazi tal-premessi u l-provi ndikati ghandhom u qed jigu milqugha, anke ghaliex il-provi kollha juru li l-istess proprjeta' kienet ukoll ta' l-atturi odjerna u l-ebda procedura ma giet istitwieta fil-konfront taghhom sallum li b'xi mod tippregudika t-titolu taghhom.

Illi dwar it-tielet eccezzjoni, din ma ghandha l-ebda relevanza ghall-kawza odjerna, u dan peress li kull ma qed jaghmlu l-atturi f'din il-kawza huwa li jipproteggu d-drittijiet taghhom bhala ko-proprjetarji ta' l-istess fond u dan indipendent minn kull haga li ghamel Carmel Agius, li fuq kollox ma humiex il-mertu ta' dawn il-proceduri.

Illi l-konkluzjonijiet raggunti minn din il-Qorti fil-kuntest tad-decizjoni citata fl-ismijiet **"Lawrence Attard et nomine vs Carmelo Agius"** (P.A. (GCD) – 17 ta' Ottubru 1997) qed jittiehdu a bazi ta' dak fuq premess u fuq id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 237 tal-Kap 12** u dan qed jinghad apparti l-fatt li jidher ukoll li l-atti tas-subasta indikati in konnessjoni mal-fond mertu tal-kawza odjerna lanqas saru fil-konfront ta' l-atturi, izda saru biss fil-konfront ta' missierhom Carmelo Agius, li gie ndikat fl-istess atti tas-subasta esebiti f'dawn l-atti, bhala l-uniku proprjetarju tal-fond *de quo,* meta fil-verita' l-atturi kellhom u ghad ghandhom titolu ta' proprjeta fuq l-istess fond fil-porzjoni ta' nofs indiviz. Din il-Qorti thoss li anke abbazi tal-premess l-istess atti tas-Subasta ma jaghmlux stat fil-konfront ta' l-atturi, li qatt ma kienu parti fl-istess atti u f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **"Gulab Chatlani vs George Grixti"** (Vol. LXXV.ii.605).

Illi dan qed jinghad apparti l-ezistenza tal-principju li l-ezekuzzjoni bis-sahha ta' titolu esekuttivi nkluz il-bejgh bl-irkant tista' ssir biss fuq hwejjeg li jkun tad-debitur u ghalhekk meta dawn il-beni tad-debitur ikunu komuni ma haddiehor tali subasta lanqas tista' ssir **"Alfred Tonna vs Rosaria Xuereb et"** (K (WH) – 16 ta' Marzu 1950); **"Robert Lapira vs Rosa Borg et"** (K. (WH) – 1 ta' Mejju 1946); **"Rikors tan-Nutar Luigi Gauci Forno vs Concetta Mintoff" –** P.A. (TG) – 21 ta' Marzu 1944).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-atturi huma proprjetarji ta' nofs indiviz tal-fond bla numru li jgib l-isem *1st October* u li jinsab f'*Racecourse Street*, Marsa; u

2. Jigi dikjarat u deciz illi s-socjeta` attrici m’ghandhiex dritt tizgombra lill-atturi mill-istess fond a bazi tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-17 ta’ Ottubru 1997 fil-kawza **“Lawrence Attard *et nomine* vs. Carmelo Agius”.**

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-21 ta’ Jannar 1998 kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------